MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Avviz Numru. 434/2001/1

**Angelo Bartolo**

**vs**

**Keith Caruana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun kkundannat:**

**1. Ihallas lill-attur:**

**(a) is-somma ta’ sitt mija sebgha u hamsin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (LM657.76c), spejjez ta’ tiswijiet tal-hsarat li kkaguna fil-proprieta’ tal-attur, numru 3, Dolphin Flats, Triq Giuseppi Despott, Qawra, waqt li kien mikri lilu, u dana skond il-kont hawn anness u mmarkat Dok A;**

**(b) is-somma ta’ tnejn u sebghin Liri Maltin u disghin centezmu (Lm72.90c) kont tad-dawl u l-ilma tal-istess fond li ghandu jithallas mill-konvenut; u**

**(c) is-somma ta’ mija u tmenin Lira Maltin (LM180) dovuta ghal xahrejn kera tal-istess fond mikri lilu ghax-xhur ta’ Dicembru tas-sena 2000 u Jannar tas-sena 2001;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;**

**3. B’riserva ta’ azzjoni ohra ghall-hlas tal-kera mitlufa mill-attur minhabba l-hsarat maghmula minnu fl-imsemmi fond;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-4 ta’ Dicembru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi, l-konvenut qatt ma ghamel hsara fil-propjeta’ tal-attur numru 3, Dolphin Flats, Triq Giuseppi Despott, Qawra waqt li kien mikri lilu;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur naqas milli jzomm il-proprjeta’ ghall-uzu abitabbli. Fil-fatt il-konvenut stess kellu jaghmel hafna spejjez ghax kien hemm xi difetti kemm fid-dawl kif ukoll fl-ilma u ghaldaqstant huwa kellu jitlaq qabel mill-flat mikri lilu;**

**3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut kien zeba' l-post kollu qabel ma telaq u kien halla l-post fil-kundizzjoni li huwa kien hadu qabel;**

**4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut kien halla "bedsheets" u "pillow cases" kwazi godda li kien xtara huwa fl-istess proprjeta' tal-attur u kien ukoll halla iktar minn cilindru tal-gas wiehed;**

**5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut kellu jhallas xahrejn kera lill-attur bhala assikurazzjoni ghall-kontijiet jew xi hsarat li setghu jinqalghu jew ghal xi kera pendenti;**

**6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti;**

**1. Illi fis-7 ta' April ta' l-1999 l-attur kera l-appartament numru 3, "Dolphin Flats", Triq Giuseppi Despott, il-Qawra, lill-konvenut;**

**2. Illi l-attur isostni s-segwenti:**

**a. Illi wara l-ewwel xahar il-konvenut irrifjuta jhallas il-canone pattwit u ried jirriducieh;**

**b. Illi din il-proposta giet milqugha;**

**c. Illi l-konvenut ma setax idahhal annimali fl-appartament;**

**d. Illi l-konvenut ma setax jaffettwa alterazzjonijiet fil-fond in dizamina;**

**3. Illi in vista tal-premess l-attur jirrizultalu s-segwenti:**

**a. Illi l-konvenut dahhal kwantita’ ta’ papri fl-imsemmi fond;**

**b. Illi dawn irrovinaw il-bitha ta’ l-appartament de quo bil-hmieg taghhom;**

**c. Illi l-konvenut dahhal ukoll kelb ta’ certu kobor;**

**d. Illi l-attur isostni li ra lil dawn l-annimali fl-imsemmi fond meta hu mar jigbor il-kera minghand il-konvenut;**

**4. Illi l-attur isostni wkoll li l-konvenut ma hallasx il-kera tad-dawl u l-ilma u xi kontijiet ohra;**

**5. Illi l-attur isostni wkoll li meta rrinfacca lill-konvenut b’dan ipprometta li kien ser jaffettwa l-pagamenti necessarji permezz ta’ “cheque”;**

**6. Illi meta l-attur ra li l-pagamenti dovuti ma twettqux ikkuntattja lill-konvenut u kien informat li issa kien hareg mill-appartament de quo;**

**7. Illi meta l-attur irriprenda l-pussess ta' l-appartament u rega' vvizitah sab hsarat konsiderevoli li jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

**a. Illi l-appartament kien iswed;**

**b. Illi l-mejda instabet mahruqa;**

**c. Illi l-"cupboards" tal-kcina kienu spiccaw;**

**d. Illi zewg "flash doors" gew distrutti;**

**e. Illi l-hsarat kollha sofferti mill-attur gew elenkati fid-dettal fil-kont anness f'din il-procedura, (ara fol 2);**

**8. Illi l-attur isostni wkoll li dam erba' xhur biex jerga' jirripristina l-fond de quo ghall-istat originali tieghu;**

**Illi minn naha tieghu l-konvenut isostni s-segwenti:**

**1. Illi l-appartament dejjem zammu "pinna anzi zidt affarijiet", (ara fol 34);**

**2. Illi in effetti jsostni li kien hu li mpjega nies biex jirranga xi difetti li hu kien sab fl-istess appartament;**

**3. Illi l-konvenut isostni li bajjad il-post xi tlett darbiet u dan hu wkoll konfortat mill-persuna li ghamlet dawn ix-xogholijiet, (ara fol 34 u 39);**

**4. Illi jsostni li dejjem hallas il-canone dovut anzi aktar minn hekk isostni wkoll li meta telaq mill-appartament in dizamina kien effettivament halla depozitu ta' xahrejn u nforma lill-attur li d-differenza li hu kien ghad baqaghlu jhallas rigward il-kont tad-dawl u l-ilma seta' jigborha minn dan l-ammont;**

**5. Illi rigward id-danni l-ohra strutturali indikati mill-attur, il-konvenut isostni li dan mhux minnu u pprezenta evidenza guramentata f'dan ir-rigward li l-attur naqas ipoggi taht kontro-ezami;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalkemm l-attur ipprezenta kont anness ma' l-avviz minnu pprezentat pero' dan fih innifsu ma jikkostitwix prova tal-kontenut;**

**Illi jirrizulta li l-allegazzjonijiet ta' l-attur ma humiex konfortati bi prova oggettiva li tista' tikkonforta lil din il-qorti fl-analizi taghha;**

**Illi da parti tieghu l-konvenut pprezenta provi oggettivi u kien biss in-nuqqas ta' l-attur li ma jissottomettihomx ghall-analizi tieghu in kontro-ezami biex jikkonfutahom;**

**Illi ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici stante li mhux pruvati skond il-ligi, takkolji l-eccezzjonijiet sollevati bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------